# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

**Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Paul Gauci Borda**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Paul Gauci Borda** ta 23 sena, imwieled Ħaż-Żebbuġ nhar il-15 t'Ottubru 1992, iben Paul u Rita xebba Fenech, residenti f'1, D'Aniens Court, Triq San Albert, Gżira u detentur tal-karta tal-identita 481492(M) u li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli b'diversi atti magħmulin minnu stess, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li kienu jiksru l-istess disposizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u ċioe' talli:

"1. F'xi hin fis-16 ta Frar 2016 ikkomett serq ta arloggi ghad-detriment ta Alessia Campisi u/jew persuna/i ohra, liema serq ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezrnu (232.94);
2. F'xi hin fis-17 ta Frar 2016 Ikkomett serq ta arloggi ghad-detriment ta Alessia Campisi u/jew persuna/i ohra, liema serq ma jeccedix is-somma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezrnu (232.94);

3. F'xi hin fis-18 ta Frar 2016 Ikkomett serq ta arloggi ghad-detriment ta Alessia Campisi u/jew persuna/i ohra, liema serq ma jeccedix is-sornma ta' mitejn u tnejn u tletin euro u.erbgha u disghin centczmu (232.94);
4. U aktar talli sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghawx jigu mibdula."

Rat l-atti u d-dokumenti eżibiti;

Rat li wara li ġew moqrija l-imputazzjonijiet lill-imputat huwa wieġeb li kien ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tiegħu inkluż li minħabba n-natura tar-reat il-Qorti setgħet tgħaddi biex issibu ħati u tikkonudannah għal piena li tista' tkun anke waħda karċerarja. Il-Qorti, wara li tagħtu żmien biżżejjed biex jiddeċiedi jekk hux sejjer jerġa lura minnha, semgħat lill-imputat ittenni li huwa ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Il-Qorti fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata imtennija mill-imputat ma għandhiex alternattiva għajr ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih.

Semgħat it-trattazzjoni tal-partijiet fejn ġie sottomess is-segwenti : -

L-Uffiċjal Prosekutur tenna li l-imputat kien maħkum minn vizzju akut tal-abbuż mid-droga herojina u kokajina u stante li huwa reċidiv b'diversi sentenzi huwa kellu jiġi kundannat għall-piena karċerarja effettiva.

L-Avukat Difensur tenna li l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri kif ukoll ikkopera bis-sħiħ mal-Pulizija. Huwa minnu li huwa kien maħkum minn vizzju akut tal-abbuż mid-droga u l-Qorti kellha tieħu dan in konsiderazzjoni meta tiġi biex teroga l-piena li għandha tkun qrib tal-minimu possibbli.

Fiċ-ċirkostanzi tal-każ, il-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr li ssib lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

## ***DEĊIDE***

Li wara li inter alia rat l-Artikoli 18, 49, 50, 284, 285 u 289 tal-Kodiċi Kriminali filwaqt li ssib lill-imputat Paul Gauci Borda, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrih tikkundannaħ għal piena ta' għaxar xhur priġunerija.

Inoltre il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex matul iż-żmien li l-ħati jagħmel fil-Faċilita jipprovdilu l-għajnuna kollha possibbli sabiex jgħinu jegħleb il-vizzju tal-abbuż mid-droga.

***Mogħtija illum il-21 ta' Frar 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja.***